# IBŻA' GĦALIH

Hemm ħaġa waħda li tinkwetani
Dwar l-ilma li nużaw kuljum
L-ilma li hu ta' importanza
Li qed jinħela minn jum għal jum
Hemm bżonn li xi ħaġa nagħmlu,
qabel ma jkun tard wisq
Naħdmu lkoll flimkien
B'hekk jkollna r-risq.

Ogħqod attent
Ilma taħlix
Meta ssaqqi l-fjuri u l-ħaxix
Ismagħni ftit
Iftaħ widnejk
Iftaħ widnejk.

**Ibża' għalih, ibża' għalih**
**Għax l-ilma jgawdih kulħadd.**

**Ibża' għalih, ibża' għalih**
**L-ilma hu ħajja, dan hu fatt**
**Iva int**
**Għandek id-dmir**
**L-ilma ma taħlix**
**Għax jista' jinħela fi żmien qasir.**

Waqt li tuża s-sink tal-kċina
Jew il-banju ta' ġod-dar
Tħallix l-ilma għal ħin twil nieżel
Għax lanqas tinduna li far.

Id-dinja trid li lilha tħobb
Dan għalik m'għandux ikun intopp
Tħallix lill-annimal bil-għatx
Tih il-kuraġġ!

**Ibża' għalih, ibża' għalih**
**Għax l-ilma jgawdih kulħadd**
**Ibża' għalih, ibża' għalih**
**L-ilma hu ħajja, dan hu fatt**
**Iva int**
**Għandek id-dmir**
**L-ilma ma taħlix.**

L-art qiegħda tinxef, b'hekk is-siġar ma jsalvawx
Nies foqra m'għandhomx ikel, xorb - b'hekk tama għall-ħajja ma jarawx
Int tista' ssalva ħajja billi tgħix aħjar
Igawdu l-ħlejjaq kollha, l-kbar u anke ż-żgħar.

**Ibża' għalih, ibża'għalih**
**Għax l-ilma jgawdih kulħadd**

**Ibża' għalih, ibża' għalih**
**L-ilma hu ħajja, dan hu fatt**
**Iva int**
**Għandek id-dmir**
**L-ilma ma taħlix.**
Għax jista' jinħela fi żmien qasir !

Kliem bil-Malti ta': **Ms Iona Ghiller**
Kantanta: **Ms Catherine Portelli**

CATCH **THE** DROP

KULLEĠĠ
SANTA MARGERITA

# Skola Primarja A Żabbar











FEE

EkoSkola

NTM
nature trust (malta)



2014-2015

## Messaġġ mill-kumitat tal-EkoSkola

Din is-sena qegħdin inkomplu nitgħallmu dwar kemm huwa importanti li nibżgħu għall-ilma. Nafu kemm l-ilma huwa bżonnjuż għalina t-tfal, għalikom il-kbar u kif ukoll għall–annimali, il-pjanti u s-siġar. Għalhekk ejjew ilkoll kemm aħna noqogħdu ftit attenti qabel naqbdu u naħlu l-ilma biex b'hekk l-ilma jgawdih kulħadd!

Il-Kumitat

## IL-PROĠETT TAL-ILMA SPONSORJAT MILL-HSBC

Matul is-sena skolastika li għaddiet il-kumitat tal-EkoSkola ħadem ħafna, biex iwassal il-messaġġ li kulħadd għandu jibża' aktar għall-ilma.

Ħdimna flimkien mal-HSBC li tawna **€1,200** sabiex inkunu nistgħu nagħmlu pompa fil-bitħa tal-iskola. B'hekk l-ilma tax-xita li jinġabar fil-ġibja issa jista' jiġi wżat fit-tojlits, għat-tisqija u għat-tindif.

Xi rappreżentanti tal-HSBC taw informazzjoni siewja lill–istudenti tat-tieni sena u lill-istudenti ta' EkoSkola. Dan għamluh permezz ta' lezzjonijiet interessanti fuq kif l-ilma jista' jintuża bil-ħsieb u bil-għaqal. Issemma' wkoll kemm hawn nies qed ibatu minħabba nuqqas ta' ilma.

L-HSBC sponsorjat attivita' oħra fejn ġie mistieden *Sponge Bob*. Permezz t'attivitajiet, hu spjega lit-tfal kif għandhom jibżgħu għall-ilma. L-HSBC stiednet ukoll xi studenti għall- attivita' li saret fil-Belt Valletta fejn it-tfal iltaqgħu ma' xi mpjegati.

Matul din is-sena skolastika l-HSBC ser terġa' tgħinna biex inkomplu bil-proġett tal-ilma. U t-tfal ser ikollhom ukoll l-opportunita' li jaraw xow bl-isem ta' *Frozen* marbut mat-tema tal-ilma.

Minn qalbna nixtiequ ngħidu grazzi lill-HSBC u lill–impjegati li tant kienu ta' għajnuna sabiex dan il-proġett iseħħ.



*It-tfal waqt l-attivita' ta' Sponge Bob.*

Water Programme | HSBC